# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-16 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 440/2021 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**CC**

**Vs**

**MC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CC datat 27 ta' Settembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti konjugi kkontrattaw iz-zwieg ta' bejniethom fil-hmistax (15) t'Awwissu, tas-sena elf, disgha mija, tnejn u disghin (1992) (dokument hawnhekk anness u mmakat bhala Dokument A) u miz-zwieg taghhom twieldet tifla, llum maggorenni, S, nhar l-X;*

2. *Illi l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppublikat min-Nutar Dottor Alexandra Micallef fid-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) (Dokument hawn hekk anness u mmarkat bhala Dokument B).*

3. *Illi jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, illi fir-rigward tal-obbligu tal-hlas tal-manteniment, il-konjugi kienu ddekadew mid-dritt ta' manteniment minghand xulxin [Artkolu g tal-istess kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fid-disgha ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha].*

4. *Illi jirrizulta wkoll, mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, illi l-manteniment li r-rikorrenti obbliga ruhu jhallas lill-intimata ghall-manteniment tat-tifla m'ghadux dovut u dan ghaliex skond il-kuntratt ta' separazzjoni, tali manteniment kellu jithallas sakemm it-tifla tibda tahdem full-time u/jew taghlaq tmintax-il sena, liema tifla llum ghanda sebgha u ghoxrin (27) sena.*

5. *Illi l-partijiet qablu wkoll, fl-istess kuntratt ta' separazzjoni, illi l-bzonnijiet tat-tifla fir-rigward is-sahha u l-edukazzjoni taghha ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet izda din l-obbligazzjoni m'ghadhiex aktar applikabbli stante l-eta prezenti tat-tifla.*

6. *Illi l-partijiet qablu wkoll fl-istess kuntratt ta' separazjoni illi kull beneficcju socjali li jinghata ghall-familja inkluz Children's allowance ghandu jigi percepit mill-intimata biss.*

7. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.*

8. *Illi ghalhekk, il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista wkoll tal-fatt illi l-konjugi huma diga separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob,bir-risspett, illi a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgbha, previa s-smigh tal-partijiet kif stipulat fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u wkoll sabiex tigi stabbilita l-ezisteza ta' dawk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif ikkontemplati fl-imsmemi Artikolu 66C.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-Nota tal-intimata datata 18 ta' Ottubru 2021 (Vide Fol 16) li permezz taghha qablet mat-talbiet tal-attur;

Rat illi l-intimata dehret mhux assistita fis-seduta datata 21 ta' April 2022 u l-Qorti spjegatilha d-drittijiet legali taghha izda l-intimata ddikjarat li ma tehtiegx assistenza legali u li ma kellhiex oggezzjoni ghad-divorzju.

Rat illi l-attur iddikjara illi ser ikopri l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri (vide fol 21);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CC xehed** (vide affidavit a fol 12) illi l-partijiet zzewgu nhar il-15 ta' Awwissu 1997 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggorenni. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt nhar id-9 ta' Novembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dr Alexandra Micallef. Iddikjara illi mis-separazzjoni sal-lum qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Illum, ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal tali rikonciljazzjoni. Ikkonferma di piu', li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**L-intimata xehdet** nhar il-21 ta' April 2022 (vide, fol 22) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew***

***miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar il-15 ta' Awwissu 1992, liema zwieg igib c-certifikat numru 1400/1992 (Vide, certifikat taz-zwieg fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat nhar id-9 ta' Novembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dr Alexandra Micallef (Vide Dok B, fol 4 et seqq) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat l-obbligu ta' l-attur, kif jidher fil-verbal tal-21 t'April 2022, li jhallas l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1400/1992 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez ikunu a karigu tal-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**